TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 130/17-F

**Frank Paul Sammut**

**vs**

**Paradise Pools Ltd.**

Illum 14 ta' Ġunju, 2018

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-18 ta' Lulju, 2017 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' disa' mitt ewro (€900), rappreżentanti l-prezz ta' *vacuum cleaner* tal-pools li ma kinitx qed taħdem tajjeb fuq ir-rampa.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *vacuum cleaner* għal pool u peress li kellu rampa fil-pool, li hija xi ħaġa normali fl-opinjoni tat-Tribunal, din ma bdietx titla' r-rampa u għalhekk ma bdietx tnaddaf sew.

L-intimat issottometta li ried jagħtih il-flus lura, pero' meta ġab il-*vacuum cleaner* induna li l-*vacuum cleaner* kellha ħafna brix u dan b'konsegwenza l-fatt illi l-ħitan tal-pool kienu bil-frakass.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata aċċettat li tbiddel jew tagħti rifużjoni ta' dan il-*vacuum cleaner*, pero' għandha raġun fejn tgħid illi mhux intitolat li jieħu l-flus kollha lura minħabba l-fatt illi l-prodott kellu xi difetti u ħsarat.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, stante li l-intimat aċċetta li ma jiħux raġun li din ma kinitx adattata għalih u minħabba l-brix, it-Tribunal qed jordna lis-soċjeta' ntimata li tirrifondi biss l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600), u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn iż-żewġ partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888